MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1384/2004

**SMS Insurance Agency Ltd. C5645 rapprezentanti s-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. kif surrogata fil-jeddijiet ta' Nicole Farrugia u l-istess Nicole Farrugia I.D.512478(M)**

**vs**

**Carmel Mercieca I.D.796050(M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed liri Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm301.42) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi wara incident stradali fil-Marsa fit-3 ta' Lulju, 2002, meta l-konvenut**

**kien qed isuq vettura BAF-852 u invada l-karreggata tal-vettura KOL-127 misjuqa mill-attrici Farrugia u konsegwentement sehh l-incident li ghalih jahti unikament il-konvenut. Mill-ammont mitlub l-attrici Farrugia hallset mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125) bhala "excess" u l-kumplament thallas mis-socjeta` attrici;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-21 ta' Novembru, 2003, Dok.A ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, Dok.B u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment Dok.C ghall-finijiet tal-Kap.104 u bl-imghax dekoribbli skond il-Ligi sa l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-18 ta' Awissu, 2004, fejn intqal llli t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi ghall-incident in kwistjoni kienet tahti unikament Nicole Farrugia.**
**Bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq, Patrick Farrugia, Carmel Mercieca, Anna Mercieca u Nicole Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda danni minn incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Lulju, 2002 fil-Qasam Industrijali l-Marsa fil-post li jigi kwazi quddiem fejn hemm Schembri Batteries.**
**2. Il-kollizzjoni sehhet bejn il-vettura KOL 127 misjuqa mill-attrici Nicole Farrugia u l-vettura BAF 852 misjuqa mill-konvenut.**
**3. Gie allegat illi l-konvenut invada l-karreggjata ta' l-attrici.**
**4. Jirrizulta li l-attrici kienet miexja bil-mod fit-tieni karreggjata minn naha tax-xellug u dana ghal habta tas-7:30p.m., u ftit metri quddiemha kien hemm il-konvenut. Skond l-attrici meta waslet fit-tarf tat-triq ezatt qabel il-liwja l-konvenut zamm brake u waqaf bil-mod peress li hargitlu karozza mit-triq li hemm fuq ix-xellug.**

**5. Biex tindika s-sekwenza ta' kif sehhet il-kollizzjoni l-istess attrici esebiet ir-ritratt Dok 1 u l-sketches Dok 2, Dok 3 u Dok 4.**

**6. Skond missier l-attrici meta hu mar fuq il-post ra l-karozzi kif kienu ghadhom meta habtu u nnota li filwaqt li l-vettura ta' l-attrici kienet kompletament fil-karreggjata taghha, l-vettura tal-konvenut kienet tlett kwarti minnha fl-ewwel karreggjata u l-kwart l-iehor fil-karreggjata li minnha kienet ghaddejja l-attrici.**

**7. Il-konvenut Carmel Mercieca jaqbel illi kien hemm wiehed li hareg minn fuq ix-xellug tieghu fejn hemm indikat *stop sign* fl-sketch Dok 16 esebit. Jammetti illi kellu jzomm brake peress li kien ser jahbat mieghu. Il-konvenut ighid li meta zamm il-brake saret il-kollizzjoni. Il-konvenut jichad li nvada l-karreggjata ta' l-attrici.**

**8. Mart il-konvenut Anna Mercieca tikkonferma li harget karozza minn fuq l-stop sign u tikkonferma li huma kienu ghaddejjin fit-tieni karreggjata minn naha tax-xellug. Hi qalet ukoll li waqt li zewgha kien qed jieqaf semghu l-hoss tal-kollizzjoni minn wara.**

**9. Mix-xhieda mismugha huwa vero simili illi l-konvenut kellu jiehu azzjoni evaziva minhabba l-vettura li hargitlu f'salt. Jirrizulta illi apparti evaziva l-konvenut waqqaf f'salt. Jirrizulta illi d-danni fil-vettura ta' l-attrici kienu fuq quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt illi l-vettura tal-konvenut kellha d-danni fuq wara n-naha tal-lemin.**

**10. Jirrizulta illi l-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra evaziva illi saret f'salt mill-konvenut tort li hargitlu karozza minn fuq stop sign. Pero' apparti minn dan l-attrici kellha obbligu wkoll li zzomm certa distanza mill-konvenut biex jekk dana jwaqqaf f'salt hi ma tibqax diehla fih. Ghalhekk it-Tribunal qed isib liz-zewg partijiet kellhom parti mit-tort ghall-incident illi sehh, pero' r-responsabbilta' principali hija tal-konvenut. It-Tribunal in vista ta' dak li ntqal qed jalloka zewg terzi tar-responsabilta' ghas-sinistru lill-konvenut u terz lill-attrici.**

**11. Id-danni jirrizultaw fl-ammont reklamat u dana mid-dokumenti esebiti Dok MA 1 u Dok MA 4 sa Dok MA 12, kif ukoll mill-istess survey report Dok MA 4.**

**Ghalhekk in kwantu l-konvenut huwa responsabbli biss fil-grad ta' zewg terzi jigi illi dana ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta' mitejn lira u erba' u disghin centezmu (Lm200.94)**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident de quo fil-grad ta' zewg terzi u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm75.94) u lill-attrici Nicole Farrugia s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125), it-tnejn bl-imghaxijiet dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004, Dok.B u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment Dok.C ghall-finijiet tal-Kap.104, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghandhom jigu sopportati zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------